A.L. 24 ta' l-1991

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku għamlet ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 14 ta' l-1982.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Marzu, 1991.

Jissostitwixxi t-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"TABELLA II
SERVIZZ GĦAL GĦAWDEX — NOLIJIET GĦAL OMNIBUSIJIET BIL-MUTUR

Għal kull traġitt fl-istess belt jew raħal	3c.
Għal kull traġitt bejn bliet jew irħula differenti	8c.

Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu nofs in-nol stabbilit, suġġett għall-ħlas ta' mhux inqas minn 3c.

Tfal li jkunu sejrin jew ġejjin minn xi skola matul il-perijodi murijin fil-paragrafu 13 tad-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom iħallsu, jekk ikollhom permess validu, nofs in -nol stabbilit, suġġett għall-ħlas ta' mhux inqas minn 3c.".